BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

29 ta'Marzu, 2011

## Minuti tal-Laqgha 55 (05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 55(05) fil-Berga ta'Franza nhar il-Hamis 24 ta'Marzu,2011 fil-5.30 ta' filghaxija.

Prezenti

Is-Sur John Boxall, Sindku, Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera u Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera.

Il-Kunsilier Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha filwaqt li-l-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

Talba
Is-Sindku, Sur John Boxall qal it-talba u tah bidu ghal-laqgha.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.8 (54/05) Arblu fuq il-mina l-gdida li qed tinbena fi Triq Pawlu Boffa

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li l-arblu kien lest. Wara diskussjoni ssugerixxa sabiex tinhareg sejha ghal kwotazzjoni ghal hjata ta'bandiera bl-emblema tal-Birgu tal- qies ta' 12-il pied bi 18-il pied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Item 1.9 (54/05) Community Involvement Award

Is-Sindku qal li ghal dan il-premju tal-Community Involvement Award, il-Kunsill Lokali tal-Birgu nghata l-ammont ta' € 5,000 ghal partecipazzjoni tieghu.

1.3 Item 1.12 (54/05) Jum il-Mara

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-harga Kulturali li kellha ssir nhar l-Erbgha 23 ta' Marzu, 2011, thassret minhabba nuqqas ta' partecipazzjoni.

1.4 Item 2.2 (54/05) Garden Furniture ghal-Iskola tas-Subien tal-Verdala.

Is-Sur John Boxall Sindku nforma lil Kunsilliera li fuq t-talba tas-Sur Ray Vella, Kap ta' l-Iskola Sekondajra tas-Subien tal-Verdala, l-Kunsill Lokali Birgu, tah tlett bankijiet tal-hadid li ma kienux qed jintuzaw ghal uzu fil-gnien taz-zebbug ta' l-istess skola.

1.5 Item 2.3 (54/05) Servizz ta' awditur ghal progett iffinanzjat mill-Unijoni Ewropea, l-progett 'Seatoland'

Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill, tlett kwotazzjonijiet ghas-servizz ta' awditur ghal progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett 'Seatoland'. Il-kwotazzjonijiet kienu

- Mil-kumpanija Spiteri Bailey & CO ghal prezz ta'€ 200 eskluz l-VAT ghal kull audit.
- Mil-kumpanija Ernst & Young ghal prezz ta' € 3000 minghajr VAT
- Mil-kumpanija Pricewaterhouse Coopers ghal prezz ta' € 650 minghajr VAT ghal kull quarterly report.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova l-irhas offerta dik mibghuta mil-kumpanija Spiteri Bailey & CO. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 2.6 (54/05) Irhama bl-ismijiet tac-cittadini li okkupaw il-kariga ta' Sindku fil-Belt tal-Birgu.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Jes Marble Art & Crafts Work infurat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li hadet zball fil-kwotazzjoni li ppreparat u ghaldaqstant il-kwotazzjoni sabiex issir din il-plakka hija ta' € 885 u mhux ta' € 675. Bi qbil unanimu gie deciz li din l-irhama xorta ghandha ssir.

1.7 Item 2.10 (54/05) Nazzareno Vassallo Award

Il-Kunsiliera Miriam Grech infurmat lil Kunsill li Sinjura Edith Bhagiar irringrazjat lil Kunsill Lokali tal-Birgu talli ghogbu jinnomina ghal dan il-premju.

1.8 Item 5 (54/05) Zviluppi dwar il-Gnien Fuq tal-Hawli.

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendiont ta' l-izviluppi li qeghdin isiru rigward il-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qed jistenna risposta min-naha tal-KNPD u l-MEPA.

1.9 Item 6 (54/05) Decizjoni dwar l-irtirar tat-tender tat-tindif tal-Latrini Pubblici.

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanijaG4S Security (Malta) Ltd ghal CCTV camera sabiex titwahhal fil-latrini pubblici tal-Fortini, liema kwotazzjoni kienet ta' €715.49. Wara diskussjoni, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu.
Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-latrini pubblici qed jigu mnadfa min haddiem assenjat mal-Kunsill mil-ETC .

1.10 Item 10 (54/05) Decizjoni dwar it-tender ghal knis u tindif tat-toroq.

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Dimbros LTD appelat ghad-decizjoni li ha l-Kunsill Lokali tal-Birgu, dwar l-ghoti ta' dan it-tender. Is-Sindku zied jghid lighaldaqstant l-ghoti ta' dan il-kuntratt ma giex onorat u l-Kunsill kellu jipprezenta d-dokumenti kollha lil Board ta' l-Appell fid-Dipartiment tal-Kuntratti.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku qal li fuq suggeriment tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Kunsill Lokali tal-Birgu, wera l-interess tieghu li jissieheb bhala 'partner' fil-progett mmexxi mil-Kunsill Acton Vonitsa, fil-Grecja, liema progett "Preserving & Devloping Sacred Places in Europe", liema progett jaqa' tahtis-sejha "Interreg IVC".

2.2 Ittra minghand is-Sur Joseph Zammit, segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali San Guzepp, fejn ghan-nom tal-Kumitat talab il-permess ghal hruq ta' xi kaxxi infernali waqt il-festa ta' San Guzepp,Kalkara, bejn id-9 u l-10 ta' Lulju, 2011 mill-post maghruf bhala x-xewkija. Wara diskussjoni, l-Kunsill bi qbil unanimu qabel li jinaghta l-permess mehtieg, biss il-Kunsill jinforma lil din is-socejta li malli jibda l-progett ta' restawr tas-sur ta' din iz-zona, dan il-permess ma jinghatax.

2.3 Korrispondenza mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-progett "INTACT" fejn din l-Assocjazzjoni tablet lil Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina zaghzugh/ zaghzugha biex jippartecipa f'Summer School li ser issir gewwa Brussel bejn id-19 u l-24 ta' Lulju, 2011. Wara

diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur James Agius. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku pprezenta proposta mil-kumpanija “Blues Limited” sabiex f’sitt siti madwar il-Birgu isiru“information points” dwar il-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Korrispondenza mad-Direttur ta’l-ELC Dr.Ronald Cuschieri, sabiex jigi diskuss ix-xoghlijiet li qeghdin isiru min din il-kumpanija fil-Belt tal-Birgu.

2.6 Talba lil Perit David Vassallo, Direttur tat-Traffic Management Unit fi hdan l-Awtorita’ tat-Transport sabiex parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, l-parti li tinsab fi stat originali biz-zonqor qawwi, issir pedonali.

2.7 Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ghas-sena 2011, l-Kunsill Lokali tal-Birgu, ser jinghata s-somma totali ta’ € 4,410 mid-dipartiment ghal Gvern Lokali u mill-Kunsill Malti ghall-Isport taht l-iskema dwar inizjattivi sportive fi-lokalitajiet.

2.8 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn il-Kunsill gie nfurmat li matul is-sena 2011 ser jinghata s-somma ta’ € 34,075.03, nofs l-40% tal-valur kollhu stmat tax-xoghlijiet taht l-iskema *Public Private Partnership* fuq toroq. Permezz ta’ din l-iskema ser isiru, Triq ic-Centinarju tal-Parocca, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Triq La Vallette u Triq San Filippu

2.9 Is-Sindku s-sur John Boxall pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill, l-*performance appraisal* tal-haddiema klerikali ppreparat mis-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu joqghod ghal pariri li nghatawlu mis-Segretarja Ezekuttiva, u ghandu japprova sabiex is-Sinjorina Ritianne Bonnici, kif ukoll is-Sinjorina Anthea Vella jinghataw 4% *performance bonus*, filwaqt li s-Sinjura Moira Azzopardi tinghata 5% *performance bonus.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>3.Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2010</u>**

Is-Sindku pprezenta kopja tal-Unaudited Financial Statements tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghas-sena 2010. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva taghti spjegazzjoni tal-financial statements fejn gie nnutat li d-deficit tal-Kunsill ghas-sena 2010 kien naqqas. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova dawn il-financial statements, il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**4. <u>Suq ta’ haxix u frott fil-Birgu</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bir-ragunijiet ghala din l-attivita ma setghetx titella’ u dan minhabba li bhala attivita ssejhet *Farmer’s Market,I* liema titlu ma seta’ qatt jintuza peress

li jmur kontra l-ligi. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li biex dan is-suq jsir, il-Kunsill irid jara x'jista' jsir peress li r-residenti ta' din il-Belt, jixtiequ li jsir. Il-Kunsilliera Miriam Grech issugerit li din l-attivita tista' tissejjah *Healthy Food.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. <u>Decizjoni dwar it-tender ghaz-zamma u manutenzjoni tat-toroq pedonali u li jaghtu access biss.</u>**

Is-Sindku s-sur John Boxall ipprezenta r-rapport ta' evalwazzjoni ppreparat mil-Perit tal-Kunsill, l-Perit Mark John Scicluna. Is-Sindku qal li fir-rapport tieghu l-perit stwar li t-tender mahrug fih xi informazzjoni nieqsa u ghaldaqstant ma jistax jigi aggudikat. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jiehu parir min-naha tad-Dipartiment tal-kuntratti u skond il-parir li l-Kunsill jinghata, ghandu jagixxi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**6. <u>Decizjoni dwar it-tender ghar-restawr tan-nicca u l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu</u>**

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li ghal dan it-tender kien hemm applikazzjoni wahda, dik tal-kumpanija RGI ltd. Ghal prezz ta' € 12,008.86. Is-Sindku pprezenta ukoll ir-rapport ta' evalwazzjoni pprezentat mil-Perit tal-Kunsill, l-Perit Mark John Scicluna. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-applikazzjoni tal-Kumpanija RGI ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7. <u>Attivitajiet ta' Jum il-Birgu, 2011.</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-ewwel laqgha ma' l-ghaqdiet tal-Birgu dwar Jum il-Birgu kienet saret nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2011, izda ghal din il-laqgha l-attendenza kienet fqira wisq u ghaldaqstant gie deciz li terga' tissejah, laqgha ohra nhar it-Tnejn 4 t'April, 2011, sabiex ikun jista' jigi ffurmat s-sottokumitat ghal din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8. <u>Progress tax-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza</u>**

Is-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza, u nforma lil Kunsilliera li bejn il-11 u l-14 t'April, 2011, ser titella konferenza msjeha "Mare Nostrum" u mmexxija min Dr. Ray Bondin, li ghaliha ser jattendu l-oghla membri tal-UNESCO.

**9. <u>Affarijiet Ohra</u>**

9.1 Is-Sindku pprezenta ghal l-approvazzjoni tal-Kunsill, il-lista tal-pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Festa ta' Hadd il-Ghid ser tixxandar fuq program televiziv fuq l-istazzjon Net TV u ghal dan mhux ser ikun hemm l-ebda hlas.

Il-laqgha ntemmet fi 8 ta' filghaxija.

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku